KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 59 (I), miżmuma nhar il-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018 fil- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech — Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Daniel Grima — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsillier
- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisllier (17. 55)

Membri Skużati:

- Rodney Galea — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

Minuti 59 (I)

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Rodney Galea informa lil-Kunsill li ma jistax jattendi minħabba xogħol.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

### Laqgħa Nr. 51(I)

**Emendi – Laqgħa No 51(I) – Street Lamps/Lampi tat-toroq**
Lewwel punt – Għanda tizdied is-sentenza segwenti : Il-Kunsillier Graziella Galea talbet li jekk hemm il-ħtieġa ta' dawn ix-xogħolijiet għandom isiru xorta waħda anka jekk mhumiex taħt l-iskema tal-UIF.

**Emendi – Laqgħa No 51(I) – Tiswijiet għas-soqfa tal-Boathouses**
It-tieni punt – Is-sentenza għanda tinkiteb hekk : Il-Kunsillier Paul Bugeja irrimarka li l-Kunsill m'għandux x'jaqsam mal-Boat houses ta' Dawret in-Nawfragju għax dawn huma propjeta tal-privat.

**Emendi – Laqgħa No 51(I) – Permess għal-dgħajjes fuq Jetties etc.**
L-ewwel punt – Il-Kunsillier Paul Bugeja talab korrezjoni , biex titranġa s-sentenza għal li ġej : B'referenza għat-talba tas-Sid tal-Catamaran biex joħrog il-Catamaran quddiem il-Boathouses, Triq il-Qawra, il-Kunsill qabel li l-Catamaran għandu jittieħed f'Dock sakemm jkun hemm it-tiswijiet fil-garage.

**Emendi – Laqgħa No 51(I) – Zebra Crossing**
L-ewwel punt – Jizdied il-kliem "Ma kienx hemm qbil għat-talba ta Zebra crossing quddiem Casa San Paolo. Kif ukoll tinbidel id-deċizjoni li "ma kienx hemm qbil" għal "kien hemm qbil" li għandu jsir Master Plan fuq it-toroq tal-lokalita kollha.

**Emendi – Laqgħa No 51(I) – Tower Cranes – numru ta Parkeġġi mitlufa**
L-ewwel punt – titkompla s-sentenza : Il-Kunsillier Robert Piscopo għamel kjarifika li

meta ssir No Objection minn naħa ta' Transport Malta l-Kunsill m'għandux jzomm jew joġġezjona dak li jkun gie approvat mil-Awtorijajiet ikkonċernati.

**Emendi – 51.8.3 – Ingagg ta' Segretaju Ezekuttiv**

Il-Kunsillier Graziella Galea irrimarkat biex jitnizlu l-kliem dak il-ħin fis-sentenza ir-rapport manstabx dak il-hin.

**Emendi – 51.4 – Pagamenti**

Titranga s-sentenza hekk : Approvati minbarra dawk li ġew maqtugħa sakemm jiġu verifikati.

Il-Kunsillier Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li għandu Jizdied il-kont ta' Noel Borg ta'€1500 li ukoll ma kienx approvat. Kif ukoll kjarifikat li l-aħħar sentenza jizdidila "filkass jittelgħu fil-laqgħat li jmiss"

Minuti tal laqgħa 51(I) approvati hekk kif emendati.

**Laqgħa Nr. 51(II)**

**Emendi – 51.5.4 – Rapport dwar it-tender tal-Public Conveniences**

Il-Kunsillier Galea proponiet li titneħħa il-kelma "sa" qabel 70%.

**Il-Kunsillier Paul Bugeja xtaq jgħamel statement :**

Billi inatajna diversi minuti ta' diversi laqgħat f'qasir zmien u biex ma nħarbtux l-andament tal-laqgħa jista jkun hem xi irqaqat li jistgħu jiġu perfezzjonati u dawn qedin jiġu maqbuza għalekk il-minuti majkunux totalment il-minuti korretti kif suppost

Il-Kunsillier Alfred Grima propona li din l-istatement titnizzel fil-bidu tal-laqgħa qabel l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsill qabel.

**Emendi – 51.5.3 – PA's**

Il-Kunsllier Paul Bugeja staqsa x'kienet il-Point of Order u irrimarka li s-sentenza ma tagħamilx sens. Kien hemm qbil li jitnehha il-paragrafu fejn jibda Point of order għax ma jgħamilx sens.

**Emendi – 51.7.2.5 – Pavement re-construction of Triq Sant'Antnin**

Il-Kunsillier Graziella Galea saqsiet kemm kien hemm kwotazzjonijiet u l-ADSE

weġbita li kien hemm tlieta. Ser jizdied il-kliem "ma dak li diġa hemm" wara il-kelma oħra. U tizdied ukoll li kien hemm qbil fl-aħħar tas-sentenza.

Emendi - 51.7.3.3.- Blue Waters agreement and proposal
Il-Kunsillier Galea xtaqet izzid sentenza fl-aħħar li il-vot kontra ittieħed għax jigu preferuti CCTVs fil-lokalita minflok l-upgrade tal-Latrina u mhux għaliex huma kontra l-upgrade tal-Latrini.

Jinbidel in-numru tal-vot għaliex hemm mistyping:
Korrezjoni għal : 7 favur / 3 kontra / 1 Astenzjoni

Emendi 51.7.4.1 – Bring In Sites – Skips Collection
Il-Kunsillier Edward Bugeja rrimarka li għanda tiġi kkoreġuta l-kelma truck flok trukk.

Emendi 51.7.4.2.- Designated Parking Sites
Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li tizdied "il-laqgħa tal-" qabel il-kelma bord.

Emendi 51.12 – Mozzjonijiet
Il-Kunsillier Graziella Galea sostniet li kien hemm kontra mozzjoni fejn flok il-Ministru Evarist Bartolo tinfetah mil-President.
Għandu jinkiteb ukoll li l-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni li issir pressjoni fuq il-Periti sabiex il-proġett jitlesta. It-Tieni mozzjoni hija li jinfetah dan il-playing field f'ġieħ it-tfal li mietu. ----RECORDING 43.50

Laqgħa Nr. 51(III)
Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li titneħħa l-kelma Point of order u tinbidel f' tirrimarka biex tiġi : il-Kunsillier Graziela Galea rrimarkat li .....

Il-Kunsillier Paul Bugeja reġa rrimarka li l-istatment li huwa ressaq jixtiequ jkun ma kull minuta li qedin jiġu approvati f'din il-laqgħa. Il-Kunsillier Graziella Galea informatu li ma tistax tagħmel emenda fuq il-minuti ta' qabel billi izzid dan l-istatemnmet.
Il-Kunsillier Robert Piscopo rrimarka li għanda għax jista jkun għad hemm korruzjoni fil-minuti li ma jkunux ġew innotati u kkoreġuti.

L-ADSE informat li jekk ikun hemm qbil li jsir disclaimer mhux emenda ma' dawn il-minuti kkoncernati li qedin għal approvazzjoni illum mgħandiex problema iżda jrid jkun hemm qbil. Il-Kunsillier Graziella Galea ma qablitx u proponiet li għandu jiġi iċċekjat mad-Dipartiment. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li l-Kunsill huwa entita' u għandu kull dritt li jgħamel deċizjoni hu. Il-Kunsillier Alfred Grima ikkonferma dan.

Il-Kunsilliier Graziella Galea ikkonfermat li ma tafx fejn għanda titħol fil-minuti din tad-disclaimer.

Il-Kunsillier Paul Bugeja propona li teħel l-istatemnet ma kull minuta li telgħu għal approvazzjoni illum. Il-Kunsillier Robert Piscopo ssekondaħ.
Il-Kunsillier Graziella Galea riedet tkun ċara li qed jaqblu li teħel karta apparti mal-minuti iżda mhux issir emenda tal-minuti stess għax huwa kontra il-liġi.

Il-Kunsillier Mandy Buħaġiar proponiet li jittieħed vot u rrimarkat li qedgħa tara kontradizzjoni fejn qedin jiġu approvati il-minuti iżda qed jintqal fl-istatement li mhux ikkoreġuti.

L-Adse saqsiet jekk jistawx jitqabzu l-approvazzjoni tal-minuti u jimxu għal item iehor iżda l-Kunsilliera Robert Piscopo u Alfred Grima qalu li ma jaħsbux li din tista issir.

L-ADSE għamlet referenza għal laqgħa li kella mas-Sindku ta' dak iz-zmien li kienet Graziella Galea fejn il-laqgħa spiżżat mingħajr ma saru il-korrezjoni tal-minuti u dawn ġew ikkoreġuti fil-laqgħa ta' wara. Irrimarkat ukoll li kien hemm kwantita ta' minuti x'jinkitbu u dawn jieħdu ħafna ħin f'temp ta' xagħar.

L-Kunsillier Alfred Grima ma joġġezjonax li teħel din l-istatement.

L-ADSE proponiet li hi ħa tieħu ir-responsabilita li tagħzel li dan l-istatement jitnizzel flimkien ma' kull dokument u jekk l-Kunsill ikun zbaljat li jagħmel dan jiġbdulna l-attenzjoni u titneħħa.

L-Kunsillier Alfred Grima propona li jinqabez l-punt tal-approvazzjoni tal-minuti li fadal biex jiġu kkoreġuti. Ma kienx hemm qbil.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ppropona li jinqraw għaliex is-segwenza tal-minuti a tistax tinqabez. Il-Kunsillier Graziella Galea saqsiet jistghux jinqraw min fuq il-mejda, il-Kunsillier Paul Bugeja qal li għandom jinqraw a viva voce mis Sindku jew mis-Segretarju.

Il-Viċi Sindku Daniel Grima beda' jaqra il-minuti a viva voce, wara ftit sentenzi l-Kunsillier Paul Bugeja qal li lest jirtira l-proponiment tiegħu għaliex hemm ħafna minuti u din ser tieħu fit-tul u ma jixtieqx li jostakola jew ifixkel il-proċess, iżda xtaq ikun ċar.

I-Kunsillier Alfred Grima talab sospenzjoni ta' ftit minuti.

L-Kunsillier Mandy Buhagiar proponiet li jittieħdu ħmistax il-minuta sakemm jinqraw. Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li din il-laqgħa tispiċċa fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.
Is-Sindku ssospendiet il-laqgħa għal ftit sakemm jinqraw il-minuti.

Wara ftit ta' minuti ta sospenzjoni, tkompliet il-laqgħa bl-emendi proponuti:

L-ADSE saqsiet jekk il 51(III) humiex approvati

Emendi – 55/0811/18/I – Mozzjoni
It-Tieni paragrafu - Il-Kunsillier Graziella Galea proponiet li is-sentenza tinkiteb hekk kif ġej "Il-Kunsillier Alfred Grima rrifera għal kuntratt li kellu kopja fidu u fejn qal li xtaq ikun hemm xi kjarifika dwarhom.

Emendi – pg11
Il-Kunsillier Graziella Galea kienet talbet li jintbghatu l-mistoqsijiet li saru mil-Kunsillier Alfred Grima u l-informazzjoni relatata. Din għanda tinkiteb wara s-sentenza li tgħid "Il-Kunsillier Alfred Grima talab li l-informazjoni li talab waqt il-laqgħa jirciviha bil-miktub."

Il-Minuti Nr. 51(III) approvati hekk kif emendadti

## Laqgħa Nr. 52

Il-Kunsillier Alfred Grima rrifera li l-mozzjoni suppost ġiet ipprezentat fil-ħin.

Il-minuti tal-laqgħa Nr.52 ġew approvati hekk kif prezentati.

L-ADSE spjegat li l-minuti Nr. 53 (I) għadom mhumiex lesti u għandom jiġu pprezentati għal approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss flimkien mal-minuti sa laqgħa Nr. 58.

Il-Kunsillier Paul Bugeja semma li qed isir mesmerising tal-minuti.

Kien hemm qbil li l-kumplament tal-minuti jiġu prezentati għal Approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Edward Bugeja rrimarka li trid tinbidel l-Agenda u ġie nformat li l-informazzjoni titnizzel fil-minuti u mhux tinbidel l-Agenda għax dik hija pubblika u ma tistax tintmiss.

## Skeda ta' Pagamenti

**ITEMS 266 + 267** : Il-Kunsillier Alfred Grima propona li ssir sospenzjoni tal-minuti biex ngħaddu għal l-iskeda tal-pagamenti. Il-Vici Sindku Daniel Grima ssekondaħ.

Il-Kunsillier Graziella Galea għamlet referenza għal item 266 u 267 il-pagamenti indirizzati lil Noel Borg. Kompliet billi għamlet dikjarrazjoni li l-Kunsill ma kellux joħrog flus għal dan il-kuntrattur iżda kellu joħroġ kollox l-MTA.

Il-Kunsillier Stephen Cremona wegiba li l-Kunsill kellu ftehim li jinħarġu €1000 mil-Kunsill u €2000 mil-MTA.

Il-Kunsillier Alfred Grima qajjem Point of Order li meta dan l-item itella kien hemm qbil li jitħallas.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li qatt ma kien hemm ftehim magħha u irrimarkat li l-ammont inbidel. Reġet għamlet dikjarazzjoni li ma kinitx informata iżda il-Kunsillier Stephen Cremona mhuwiex jaqbel ma dan li qedgħa tgħid.

Is-Sindku staqsiet jekk sarux ix-xogħolijiet. Il-Kunsillier Cremona wieġeb li x-xogħolijiet saru.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li dan l-argument ġie eżawrit u jipproponi li l-Kunsill jieħu vot jekk is-Sur Noel Borg għandux jitħallas.

9 Favur / 1 Kontra / 2 Astenzjoni

Favur : Il-Kunsilliera Robert Piscopo. Paul Bugeja, Joseph Vella, Edward Bugeja, Stephen Cremona, Alfred Grima, Mandy Buhagiar, l-Viċi Sindku Daniel Grima u s-Sindku Anne Marie Fenech.

Kontra : Il-Kunsillier Antoinette Bezzina

Astenzjoni : Il-Kunsilliera Graziella Galea u Dounia Borg.

ITEM 257: Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni u qiegħed jitlob kjarifika fuq dan l-item rigward arblu ta' L-Arms li jinsab fi Triq Port Ruman. L-ADSE informat li dan huwa kont li kien tħallas l-estimate tiegħu minflok l-Actual. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li sakemm il-Kunsill talab is-servizz jrid jħallas is-servizz.

ITEM 259,261,269: Il-Kunsillier Alfred Grima jrid kjarifika u jixtieq jiġi jara t-timesheets tat-tliet ħaddiema (caretakers) li jriedu jiġu mħalsa.

ITEM 264 : Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li hemm xi problemi fi Triq Il-Korp tal-Pijuniri u hemm invoice ta' €60,000 minn għand Bonnici Bros.
L-ADSE informat li bejn l-Perit u l-Kuntrattur hemm variazjoni kbira, u informat ukoll li biex l-amount jitħol fl-iskeda tal-pagament irid ikun *certified* mil-Perit.

Il-Kunsillier Graziella Galea informat li hi ma kinitx għada Sindku meta saru x-

xogħolijiet f'din it-Triq allura mhiex informata jekk sarx base jew le. Hi waslet biss sas-servizzi.

Il-Kunsilllier Paul Bugeja reġa mar lura għal mistoqsija li għamel hu w jrid jkun jaf jekk il-Basi hiex inkluza fl-kont jew le. Is-Sindku weġbitu li l-kont kien fih resurfacing biss.

Il-Kunsillier Alfred Grima propona li naraw jekk din il plate bearing test li semmiet il Kunsillier Galea saritx jew le fuq It-triq Korp tal-Pjuniri. Il-Kunsillier Galea irrimarkat li din trid tiġi mitluba biex issir.
Il-Kunsill qabel b'dan il-proponiment u li l-pagament jinzamm pendenti sakemm ikun hemm kjarifika.

ITEM Nr. 274
Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa kif hemm van wiehed fl-iskeda u L-ADSE irrispondietu li l-van il kbir l-isfar kellu l-ħsara.

ITEM Nr 281 + 281a
Il-Kunsillier Edward Bugeja irrimarka li qed ikun hemm ħafna complaints u rimarki rigward l-indafa tal-latrini u staqsa jekk il-Kunsill huwix ħa jibqa jħallas lil din il-kumpanija.
Il-Kunsillier Alfred Grima qal li legalment jrid jitħallas imma jistgħu jieħdu passi oħra billi l-kwistjoni terġa titla f'Agenda oħra.
Il-Kunsillier Alfred Grima qal li jekk hemm xi letrini magħluqin mhuwiex sew li l-Kunsill għandu jħallas ta' dan is-servizz la mhuwiex qiegħed isir.
Kompla billi ippropona li dan il-kont mgħandux jitħallas sakemm jiġi klarifikat permezz ta' imejl lil ex Deputat Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jkun ikkupjat f'din l-imejl. L-Imejl trid tkun talba uffiċjali biex l-Kunsill ikollu dettalji bil-miktub tal-fteim li sar.

Is-Sindku tagħlbet sospenzjoni tal-laqgħa għal ftit minuti

Tkompliet il-laqgħa

Item Nr.294 – Meilaq Kevin
Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa x'kien dal-kont. L-ADSE weġbitu li hi l-ikla tal-attivita

tal-anzjani. Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa kif intazlu l-post u l-ġurnata ta' din l-attivita. Is-Sindku staqsieta kemm ijlhom li intażlu dawn id-dettalji u l-Kunsilliera Antoinette Bezzina weġbita li l-post u l-ġurnata ijlhom mil-laħħar attivita li saret li ntażlu.
Il-Kunsillier Paul Bugeja saqsa jekk id-data u l-post li ntazlu telawx kunsill għal approvazzjoni u s-Sindku kkonfermat li dawn id-dettalji ma' telawx.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li fil-bidu net kien hemm decizjoni fil-minuti li issir attivita f'kull xagħar għal anzjani.

Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li inħatar bord tal-attivitajiet u hemm specifikament li l-Kunsilliera għandom javzaw l-Kunsill bid-dettalji, minħabba li dan ma sarx l-Kunsillier Bezzina ġiet li injorat id-deċizjoni tal-Bord.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li qedin out of Order.

## Item 314 – Plastering of Civl Works Thalasselejn

Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni fuq dan l-kont €5700.00. L-ADSE irrimarkat li dan ma kienx parti mil-BOQ oriġinali.

Il-Kunsillier Robert Piscopo ikkjarifika li suppost dan ix-xogħol kellu ikun stipulat fit-tender(BOQ).

Il-Kunsillier Alfred Grima ħassu sgwidat għaliex it-totali ta' dawn ix-xogħolijiet kienu għadom ma ġewx prezentati fil-meeting li kien preżenti mal-kuntrattur fuq is-sit.

L-ADSE spjegat li dan il-kont tnizzel qabel ma ġie ċċertifikat mil-Perit iżda ma kienx ser isir l-ebda ħlas qabel l-approvazzjoni tal-Kunsill u ċertifikazzjoni tal-Perit.
Dan Sabiex il-Kuntrattur ma jinżamx xagħar ieħor jistenna u jispiċċa jaqa' lura x-xogħol.

Il-Kunsillier Robert Piscopo kien konċernat li x-xogħol xorta ma jitkompliex. Staqsa ukoll jekk kienx hemm xogħolijiet li ma sarx u tħallas, iżda L-ADSE ikkonfermat li kien hemm xogħol ta trenching li sar u ma tħallasx.

Il-Kunsillier Alfred Grima wera li f'dan il-proġett, it-Tender li ħareġ kellu nuqqasijiet serji bħal tad-dawl, l-main tal-ilma nuqqas tal-perit u ta' min kien responsabblli f'isem il-kunsill . Ikkonferma ukoll li l prezz prezentat kien qiegħed jarah ftit għoli.

Il-Kunsillier Graziella Galea proponiet li jekk jiċċertifikaħ l-Perit għandu jitħallas, li sa dan il-punt qabel ukoll l-Kunsillier Alfred Grima.

Il-Kunsillier Paul Bugeja semma' l-materjal ta' kostruzzjoni li tħalla mil-Kuntrattur fis-sit inkwistjoni

Il-Kunsillier Alfred Grima propona li dan ma jitħallasx għalissa u jitla fl-laqgħa oħra.

L-ADSE ikkonfermat li x-xogħolijiet kellhom jitkomplew eżatt kif tispiċċa l-iskola.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab konferma mil-Kunsilliera li t-trenching li sar mhuwiex bżonn u ikkonfermalu l-Kunsillier Paul Bugeja.
Is-Sindku thenniet li x-xogħolijiet li saru xorta iridu jitħalsu.

L-ADSE ikkonfermat li dan l-kont ser jinqata min fuq l-iskeda tal-pagamenti sakemm ikun ċertifikat mil-Perit u jitella fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Afred Grima qam min mal-mejda fis-19.38.

ITEM NR: 277 305 Mawra tal-Malawi
Il-Kunsillier Graziella Galea rrimarkat li mhux b'nuqqas ta' rispett izda ma qablitx li L-ADSE kellha tmur il-Malawi.

Daniel Grima bħala viċi sindku irrimarka li l-stedina tiegħu ma kelliex għalfejn tittela Kunsill.  Is-Sur Bugeja ikklarifika li kien hemm il-maggoranza li tat in-no objection għal L-ADSE biex tattendi din il-konferenza.

Kien hemm vot dwar dan:

8 Favur: Il-Kunsilliera Robert Piscopo, Paul Bugeja, Joseph Vella, Edward Bugeja, Stephen Cremona, Daniela Grima, Dounia Borg u is-Sindku Anne Marie Fenech.

2 kontra: Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina u Graziella Galea.
L-Iskeda tal-Pagamenti
Proponent : Il-Kunsillier Edward Bugeja
Sekondant : Il-Kunsillier Dounia Borg

Il-Kunsillier Alfred Grima rritorna mal-mejda fis 19.45.

59.3 – Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 Il-Ħatra tas-Segretarju ezekuttiv u l-hand over ta' agent Deputat.
Il-Kunsillier Robert Piscopo talab lil ADSE tikkonferma iz-zmien li kien fadlilha. Il-Viċi Sindku qal li s-Sra. Strout ser tkun appuntat bħala Segretarju Ezekuttiv mil-4 ta' Gunju 2018.

F'isem il-Kunsilliera sħabu, il-Kunsillier Alfred Grima awgura lis-Snra Strout.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rringrazja lil-ADSE u inaqad fl-awgurju mal-kunsillier Alfred Grima.

Il-Kunsillier Alfred Grima propona li ghandom jiddiskutu bejnirthom u jaraw x'hemm bzonn. Kien hemm qbil

59.3.2 – Reprezentant/a fuq ir-Regun ta' Tramuntana
Is-sindku kella talba min għand il-Kunsillier Alfred Grima biex ikun raprezentat tal-Kunsill fir-Reġjun. Ma kienx hemm qbil bejn kulħadd u għalekk kien hemm deċizjoni li tittela għal Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li la l-ex Sindku Graziella Galea rrizenjat mil-Kunsill, allura tirrizenja min kull kariga li kien hemm abbinata mal kariga ta' Sindku.

Il-Kunsillier Graziella Galea rrimarkat li rrizenjat minn Sindku u mhux minn raprezentatnt tar-Reġjun.

Is-Sindku rrimarkat li ser tkun qedgħa tiċċekja mal-liġi.

Il-Kunsillier Joseph Vella telaq mil-laqgħa fit- 20.25

### 59.3.3 – Il-Mawra tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Malawi
Is-Sindku bdiet tispjega dwar il-konferenza ġewwa l-Malawi. Il-Kunsillier propona li tintbgħat l-informazzjoni b'imejl u l Kunsill qabel.

### 59.3.4 – Accounting & Sage Line 50 Computerised Accounts for Local Councils -to propose staff
Il-Kunsill ser joħroġ l-amont ta' €175 sabiex persuna mil-Kunsill tattendi dan il-kors ofrut. Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa meta ser jibda dan il-kors u rrimarka ukoll li jekk ser jibda immedjatament l-Kunsill ser ikollu problema. Kompla jippropona li d-deċizjoni għanda titħalla f'idejn Is-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill approva.

### 59.3.5 - Agreement between us 3 i.e. TCTC, LEAP and San Pawl LC for hosting community projects
Il-Kunsillier Alfred Grima sab oġġezjoni rigward klawsola Nr. 11 fejn l Kunsill qatt ma ddeċieda fuqha. Irrimarka fuq tal-anzjani kif ukoll li hu miftuh ghal-sena mhux għal tlieta.

Il-kunsilliera Duonia Borg rrimarkat li leap ghandhu il-komputers li gew sponserjati mil-Ewropa.

ADSE talbet lil kunsilliera sabiex jirrevedu il-kuntratt u jibaghtu l-feedback.

### 59.3.6 - Festa Burmarrad
Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa x'qed jitlob il-Kumitat ta' Burmarrad. Dawn talbu il-Kunsill sabiex jofri l-għajnuna finanzjarja għal-€1500 biex nghinuhom sabiex ittellgħu Festa Familja. Il-Kunsillier Paul Bugeja sostna li l-Kunsill ma jistax jgħin finanzjarjament iżda nistgħu nofru servizz ez. Mobile toilets, mwejjed u siggiejiet etc

### Kumitat Festa San Pawl u l-Kumitat Soċjeta Muzikali San Pawl
Is-Sindku spjegat li talbu kiri ta 10 mwejjed kiri ta 200 siggu u kiri ta' sistema ta sound u band Li jammontaw għal madwar €2000. Il-Kunsill approva li din għanda titla għal

laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

59.3.7 - Cir Akl 2018/054 - Climate Kic - Urban Challenges Proposal

L-ADSE informat li l-Kunsill SPB irriserva id-dritt li jipparteċipa.

**59.3.8 - Newlands Choir School - June 2018**

Is-Sindku spjegat li qedin jitolbu No Objection tal-Kunsill biex jipparteċipaw. Il-Kunsill iddeċieda li jsiru n-naħa tat-Torri minħabba li ser ikun żmien l-World Cup.

Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi ħadt mil-Kunsilliera li għandu kunflitt t-interess.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ddikjara li m'għandu l-ebda konflitt rigward l-attivitajiet li jsiru fil-Piazza. (03:16:22) Kien deċis ukoll li din l-attivita għanda issir qabel il-Ħamsa. U li l-Kunsill għandu jġib aktar informazzjoni dwar l-attivita. Il-Kunsillier Graziella Galea tiproponi li jitħalla kollox f'idejn is-Segretarju u s-Sindku.

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa x'inhi d-deċizjoni tal-Kunsill. Id-direzzjoni hija li s-Sindku flimkien mas-Segretarja Eżekuttiva appuntata ser jitkelmu magħhom sabiex jiksbu aktar informazzjoni u jiġu magħrfa jekk jistawx jibdlu l-hin jew is-sit skond l-bżonn.

Is-Sindku rrimarkat lil No Objections rigward Big screen iridu jitilgħu kollha għal approvazzjoni tal-Kunsill

59.3.9 – Road Pavment adverts

Is-Sindku qrat ittra ta' persuna li jixtieq jħallas direttament lil Kunsill sabiex jgħamel riklam. L-Kunsill sostna li hemm kuntratt ma kumpanija privata hu t-talba tiegħu ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill qabel.

59.3.10 - Communication from Medigames

Is-Sindku qrat ftit informazzjoni rigward in-No Objection li qedin jitolbu u kompliet tgħid li l-iktar No Objection li hemm pressjoni fuqha hija dik tal-Opening li ser issir fis 17 ta' Ġunju 2018 bejn il-17.00hrs u l-19.00.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li dak in-nhar hemm il-logħob tal Football tal-World Cup. Is-Sindku kompliet tgħid li din hija attivita internazjonali tat-tobba u hija importanti għal lokalita. Il-Kunsillier Robert Piscopo rrimarka li l-ħin huwa ftit ta' problem u propona sabiex ikun hem fthiem biex issir qabel il-17.00hrs. Il-Kunsill mapprovax imma kellu jara li jew jinbidel il-ħin jew il-post.

Is-Sindku kompliet tgħid li hi flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva ser jitkelmu mal-organizzaturi tal-attivita għal aktar informazzjoni.

### 59.3.11 – Suncrest Hotel, avveniment kbir għal 500 persons fil- 27ta Lulju –talba għal parkegg

Is-Sindku qrat l-informazzjoni li kien hemm talba sabiex jintuza il-parkeġġ publiku ta' quddiem il-lukanda Santana bejn 8pm għal tlett siegħat. Il-Kunsillier Alfred Grima oġġezzjona u rrefera għar-raġunijiet li present lil ADSE fejn fl-opinjoni tiegħu dawn għandom il-garaxx tagħom iżda krewħ. .
Għamel statement li daqs kemm għandu dmir lejn ir-resident tal-lokalita għandu ukoll lejn il-kummerċjant iżda f'dan il-kaz naqas.

Is-Sindku kljarifikat li l-attivita ser tkun il-Luzzu Restaurant.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li jekk Transport Malta jagħtu clearance minn naħa tagħom il-Kunsill mgħandux joġġezzjona.

### 59.3.12 - Permessi u ħlasijiet ta Hoarding fuq bankini

Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li l-kunsill tilef ħafna flus bdawn it-tip ta' permessi.

### 59.8 Tmiem tal-laqgħa : 21.00

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ____________________ | ________________________ |
| Anne Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretraju Eżekuttiv |